FGURA

Minuti tad-disa' u ħamsin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 21 t'April 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-7.04pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | |
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` CLJ |
| Viċi-Sindku | Dr. E. Grech M.D. – 19.15hrs. |
| Kunsillieri: | Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur C Agius |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sur C Bonello u s-Sur A Debono kienu nfurmaw li ma' setgħux jattendu.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.1 **Minuti tal-Laqgħa 16 ta' Marzu 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 16 ta' Marzu 2009 kif ippreżentati. Il-minuti tal-laqgħa ta' 16 ta' Marzu 2009 kienu approvati nem con.

1.2 **Minuti tal-Laqgħa 25 ta' Marzu 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 25 ta' Marzu 2009 kif ippreżentati. Il-minuti tal-laqgħa ta' 25 ta' Marzu 2009 kienu approvati nem con.

## 2.0 Korrispondenza

2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ittra li kienet intbagħtet mis-Segretarju Ezekuttiv fir-rigward ta' l-Impieg temporanju tiegħi ma' l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Mejju 2009. Saret diskussjoni.

## 3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku għamel referenza għal Invoice li kienet intbagħtet dwar ħsarat fuq dar residenzjali waqt xogħlijiet li kienu għaddejjin fi Triq Sant'Antnin. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li r-resident kellu jkun infurmat li l-ħsarat li saru huma responsabilita' tal-kuntrattur.

3.2 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill laqgħa pendenti mal-Wasteserv dwar il-Bring-in-site fi Triq Madre Tereza. Saret diskussjoni dwar il-possibilita' li dan il-post jingħalaq vis-a-vis siti oħra fil-lokal.

Il-Viċi-Sindku daħal fil-kamra – 19.15hrs.

3.3 Tkompliet id-diskssjoni dwar item 3.2

## 4.0 Progress ta' Ħidma

4.1 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għal rapport ippreparat mill-Contract Manager Stephen Buttigieg dwar lampi ġodda fi Triq id-Dejma kif propost f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill. Saret diskussjoni. Wara s-Sinjura R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2470/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jgħamel 4 bozoz ġodda fi Triq Dejma kif irraportat mill-Ingineer Buttigieg skond ir-rapport anness bi spiża ta' mhux aktar minn €1500". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2470/09/5 kienet approvata nem con.

4.2 Is-Sinjura R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2471/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jgħamel bozza ġdida fi Triq Merħba viċin dar no 283 bi spiża ta' mhux aktar minn €400 (lejn in-Nexos). Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2471/09/5 kienet approvata nem con.

4.3 Saret diskussjoni dwar nuqqas ta' dawl fil-passaġġ li jagħti bejn Triq Zabbar u Triq l-Għollieq.

4.4 Is-Sur S Camilleri għamel referenza għal laqgħa ta' sotto-kumitat li kellha ssir dwar il-monument fi Triq Hompesch. Saret diskussjoni. Din il-materja kellha tkun diskussa taħt item 15 tal-Agenda.

4.4.1 Is-Sur S Camilleri għamel referenza għal xogħlijiet pendenti li kien għad fadal isiru bħala parti mill-proġett tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li l-perit jintalab iħejji 'snag list' u jgħaddiha lill-kuntrattur sabiex dan min-naħa tiegħu ilesti dan ix-xogħol fi żmien tmint ijiem. Tkompliet id-diskussjoni dwar varjazzjonijiet li ma kienux approvati mill-Kunsill kif ukoll tkomplija ta' xoghol skond il-pjanti approvati. F'dan l-istadju, is-Sindku nforma li l-laqgha kienet aġġornata.

Il-Laqgha waqfet fis-19.50hrs.

____________________ ____________________

Sindku Segretarju